QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 27 TA' LULJU 2001

Avviz Nru 1324/99DM

Vincenza Micallef

vs

Joseph Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tminn mija u hamsin lira Maltin (Lm850) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni li sofriet l-attrici meta fid-29 ta' Awissu 1998 gewwa Vjal il-Haddiem, Rabat, il-konvenut li kien qed issuq vettura Perkins DBY 368 laqat il-vettura propjeta tal-attrici tal-marka Escort numru LAU 418 u dan prevja dikjarazzjoni li l-kollizzjoni sehhet unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku, da parti tieghu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali datata 2 ta' Novembru 1998, bl-imghax skond il-ligi, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Farrugia fejn eccepixxa:

1 Illi dak li talbet l-attrici ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra taghha billi ghall-incident stradali 'de quo' ma kienx jahti l-eccipjent.
2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2000 fejn il-partijiet iddikjaraw illi d-danni sofferti mill-attur ghandhom ikunu likwidati fis-somma ta' Lm750 a bazi a' survey report esebit u ghalhekk il-konvenut jiddikjara li m'ghandux kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;  u

Ikkunsidrat:-

Il-provi prodotti mill-kontendenti huma lkoll ibbazati fuq l-allegazzjoni illi wahda mill-vetturi, fil-vicinanza tal-ostakolu ikkreat bil-vetturi ipparkajti, ma naqsetx mill-velocita' u invadiet il-karreggjata tal-ohra.

Ix-xhiedha indipendenti prodotti miz-zewg nahat, Jason Azzopardi u Michael Psaila, jikkorroborow il-verzjonijiet opposti, waqt li l-isketck ma jindikax l-ispot of impact.

Minn dawn il-provi jirrizultaw dawn l-indizji u cirkostanzi, senjatament:

(a) l-fatt li l-vettura misjuqa mill-konvenut spiccat biex qabzet bi ftit centimetri il-'crown of the road' wara l-habta; (b) li l-vettura tal-attur garrbet hsarat kbar, (c) li wara l-habta l-istess vettura baqghet titkaxkar u waqfet ghax habtet ma vetturi ohra; (d) il-fatt li ma jirrizultax speed eccessiv da part tal-konvenut billi waqqaf il-vettura ftit metri l-boghod minn fejn grat il-habta u (e) li z-zewg vetturi kellhom ostakolu fil-karreggjata kif jirrizulta mill-isketch.

Dan kollhu jindika li kienu z-zewg sewwieqa li kellhom obbligu li jipprocedu bi prekawzjoni u attenzjoni fil-vicinanzi tal-ostakoli u li ghalhekk kellhom jirriducu sew il-velocita' u jassiguraw li ma jinvadux il-karreggajti ta xulxin u jsuqu bi prudenza kbira minn hdejn xulxin.

Inoltre jirrizulta ukoll li ebda wiehed mis-sewwieqa ma saq b'dik il-prudenza dettata mic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant issib li kienu z-zewg sewwieqa responsabbli ghall-habta u dan fi grad ugwali u ghalhekk tiddikjara li l-konvenut ghandhu nofs (1/2) mit-tort ghall-kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk ghandhu jirrispondi ghal nofs id-danni rizultanti.

Billi l-kontendenti qablu li d-danni li sofriet l-attrici jammontaw ghas-somma ta LM750, tilqa t-talba attrici limitatament billi tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-kollizzjoni 'de quo' fi grad ta hamsin fil-mija (50%) u konsegwentement tikkundannah biex ihallas lill-attrici is-somma ta tlett mija hamsa u sebghin lira (LM375), bl-imghax legali mill-lum.

Bl-ispejjes jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

……………………………..
Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ23